# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**wiehed u tletin (31) ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru 133/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Antonio Montanaro Gauci**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Frar 2019, li permezz tieghu r-rikorrenti talbet is-segwenti:

   1. *Illi hawn anness mmarkat bhala Dok A hemm sentenza tal-Qorti ta' Rumanija kif ukoll l-Annex ghall-istess sentenza u traduzzjoni ta' l-istess.*

   2. *Illi l-esponent gie infurmat minn rapprezentant tal-ufficju ta' Passports f'Malta li qabel jista' japplika ghall-passaport Malti ghat-tifel tieghu ghandu bzonn jitlob li din is-sentenza u l-annex jigu rikonoxxjuti mill-Qorti f'Malta.*

   *Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tordna li din is-sentenza tigi registrata u/jew rikonoxxuta f'Malta u dan ai termini tal-Artikolu 28 tal-Council Regulation EC 2201/2003.*

2. Rat illi fl-14 ta’ Marzu 2019, il-kawża ġiet appuntata ghad-9 ta’ Mejju 2019 ghas-smiegh.

3. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, hadet konjizzjoni tal-atti fit-23 ta’ Ottubru 2019.

4. Rat id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti, ossija is-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Sibiu, ġewwa r-Rumanija fil-21 ta’ Marzu 2017, liema sentenza hija bil-lingwa Rumena a fol 2 u debitament tradotta fil-lingwa Ingliza (fol 8).

5. Rat ir-Regolament (UE) Nru 2201/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Novembru 2003 illi tipprovdi ghall-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta’ sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta’ responsabbilta’ tal-genituri moghtija fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea gewwa Malta.

6. Rat ic-certifikat maħrug mit-Qorti Civili ta’ Sibiu gewwa r-Rumanija mahrug a tenur  tal-Artikolu 39 tar-Regolament 2201/2003 (fol 17).

7. Rat illi, abbazi tal-Artikolu 28 (1) tar-Regolament 2201/2003, sentenza dwar l-ezercitar tar-responsabbilta’ ta’ ġenituri dwar il-minuri moghtija minn Membru Stat għandha tiġi nfurzata u rikoxxuta mill-Istati Membri l-oħra, inkluż Malta.

8. Rat illi, a tenur tal-Artikolu 31(2) tar-regolament 2201/2003, ma jezistux il-presupposti stabbiliti fl-Artikolu 22, 23 u/jew 24 tar-Regolament sabiex tali sentenza ma tiġix eżegwita u nfurzata.

9. Rat illi, abbażi tal-Artikolu 31 (1) tar-Regolament fuq imsemmi, ladarba l-formalitajiet pprovduti huma sodisfatti, deċiżjoni għandha tinghata minghajr dewmien u la l-persuna li kontra taghha qed jiġi mitlub l-infurzar u lanqas il-minuri ma huma intitolati jaghmlu xi sottomissjoiijet dwar tali applikazzjoni.

10. Rat illi, għalhekk, il-proceduri odjerni u d-dokumentazzjoni esebita jissodisfaw ir-rekwiziti tar-Regolamenti fuq indikati.

11. In vista ta’ dan, din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrent ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

## DECIDE:

## Il-Qorti

Wara illi rat l-atti kollha processwali,

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti;

**Tiddikjara** li qed tirrikonoxxi s-sentenza tal-21 ta' Marzu 2017 moghtija mill-Qorti ta' Sibiu gewwa r-Rumanija fl-ismijiet '***Montanaro Gauci Antony vs Grancea Florentina Leontina vs PWA Co. Ltd***' (Nru 1653/2017 (file No 10343/306/2016) u li giet reza finali fl-10 ta' Lulju 2017.

**Tiddikjara** li l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti hi enforzabbli u ezegwibbli f'Malta ai termini tar-Regolamenti 2201/2003 tal-Unjoni Ewropea;

**Bl-ispejjez** a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imhallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**